**RULING MOGHTI FIS-SEDUTA NRU 404 TAT-28 TA' ĠUNJU 2006**

B'riferenza għall-każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor Jose' Herrera fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2006 kontra l-ġurnal "In-Nazzjon" għar-rapport li deher fil-ħarġa tal-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2006, is-Sedja eżaminat it-transcript tas-seduta kif ukoll ir-rapport li deher fil-gazzetta msemmija.

Bħalma diġa' għamlet f'okkażjonijiet preċedenti, is-Sedja tiddikjara li l-fatt waħdu li rapport ma jkunx ikopri l-punti kollha li jkun semma l-Onorevoli Membru fil-Kamra, ma jikkostitwix ksur ta' privileġġ fit-termini ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, u għaldaqstant il-każ imqajjem mill-Onor Membru ma jikkwalifikax taħt il-kriterji stabbiliti fl-Ordinanza u speċifikament paragrafu (k) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ċitat mill-Onor Membru.

Is-Sedja tirrepeti l-appell li għamlet f'diversi rulings preċedenti li l-ġurnalisti u l-membri tal-media għandhom l-obbligu li jirrapportaw fedelment u bl-aħjar mod li jistgħu dak li jkun għaddej fil-kors tal-proċeduri tal-Kamra.